MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Talba Numru. 2374/2004

**Elmo Insurance Limited bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrews Feeds (Malta) Limited u l-istess Andrews Feeds (Malta) Limited**

**Vs**

**Carmelo Bondin**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm669.33c) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar it-12 ta' Marzu, 2003 f'Qormi Road, Luqa meta vettura FBB 261 assikurata mas-socjeta' attrici u proprjeta' ta' Andrews Feeds (Malta) Limited, filwaqt li kienet misjuqa minn Oliver Fsadni, kienet involuta f'kollizjoni mal-vettura DAL 071

misjuqa mill-konvenut Carmelo Bondin u dana tort ta’ l-istess konvenut.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fl-14 t’April, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghax.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 t’April, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli ghall-ispejjez u ghall-imghax u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez u l-imghax skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------